**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 29 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 57/18 AL

AB

vs
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-30 ta' April, 2001, gewwa Gondor, l-Etjopja;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tifla, XB, li twieldet fit-3 ta' April, 2004 u li fil-prezent qegheda tghix mal-esponenti;

3. Illi l-kontendenti ilhom aktar minn erba` snin isseparati de facto u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemm l-ebda pendenzi rigward manteniment;

4. Illi ghalhekk ai termini tal-Att. XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn martu l-intimata;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-Ligi :

1. tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-30 ta' April, 2001; u

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra d-divorzju u/jew hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku skont il-ligi;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Marzu, 2018;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom aktar minn erba' snin isseparati de facto;

Rat illi l-partijiet ghaddew mill-procedura ta' medjazzjoni;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.